MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Numru. 1335/2007

Il- Pulizija
(Spettur Ian J Abdilla)

-vs-

Joseph Borda

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Joseph Borda ta’ 63 sena, iben Joseph u Mary nee’ Brincat, imwieled Hamrun fl- 10 ta’ Novembru, 1943 u li joqghod f’ numru 137, Triq il- Vittorja, Hamrun, detentur tal- karta tal-identita bin- numru 695443M.

1. Talli nhar il- Hadd 23 ta’ Settembru, 2007, gewwa l- Belt Valletta u f’ postijiet ohra gewwa dawn il- Gzejjer:

a. Iffalsifika jew biddel, minghir il- kunsens tas- sid, l- ismijiet, il- marki jew is- sinjali distintivi tax- xoghol tal- mohh, jew tal- prodott ta' industija, jew xjentament, ghamel uzu ta' dawn l- ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jiew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il- kunsens tas- sid; jew

b. Ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tbella jew emblema li jkun fihom inidkazzjoni li tista` tqarraq lix- xerrej dwar ix- xorta tal- merkanzija, jew biegh merkanzija, b' din il- marka, sinjal, jew emblema; jew

c. Xjentement qieghed fic- cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall- bejgh jew importa ghal- hsieb ta' kummerc, merkanzija b' marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b' qerq;

U cioe` 81 (wiehed u tmenin) DVD films.
(Dan bi ksur ta' l- artikolu 298(1)(a),(c) u (f) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta)

2. u aktar talli, fl- istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal- qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattra, iddupplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall- bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal- jeddijiet li johorgu mid- drittijiet ta' l- awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil- ligi ta' Malta jew tahtha;

Il- Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi il- pieni stabbiliti mil- Ligi, tordna wkoll il- konfiska ta' l- oggetti kollha esebiti.

Il- Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill- akkuzat ghal- hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal- hatra ta' esperti jew periti fil- proceduri hekk kif ikkontemplat fl- artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 10 ta' Dicembru 2007 l-imputat ammetta l-imputazzjoni lilu addebitati u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni taghhom.

Rat l-artikoli 298(1)(a)(c)(f) u 298B tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-fedina penali ta'l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn l-proceduri. Ikkunsidrat ukoll l-fedina penali netta ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fuq ammissjoni u wara li rat l-artikoli 298(1)(a)(c)(f) u 298B tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah minghajr kundizzjoni.

Il-Qorti in oltre tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebieti f'dawn il-proceduri liema oggetti ghandhom jigu distrutti taht is-sorveljanza tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------